MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2008

Numru 11/2006

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Ibrahim Hafes Ibrahim El Degwi**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell interpost minn Ibrahim Hafes Ibrahim El Degwi (hawn aktar 'l quddiem "l-appellant") mis-sentenza moghtija lilu mill-Qorti Kriminali fil-5 ta' Dicembru 2007.

**2.** Wara li saret id-debita istruttorja, l-appellant gie akkuzat quddiem il-Qorti Kriminali talli fl-14 ta’ Gunju 2001 wara nofs in-nhar, flimkien ma’ persuna ohra, dahal bi sgass fil-fond 16, Triq Qamar, Xaghra, Ghawdex – li kienet ir-residenza ta’ Maria Attard, anzjana ta’ 78 sena – u minn hemm gew ha u seraq, a dannu u kontra l-volonta` taghha oggetti u flus fl-ammont ta’ madwar Lm390, liema serq, ghalhekk, kien kwalifikat bil-mezz, valur u lok, u dana skond l-ewwel kap tal-att ta’ akkuza. Permezz tat-tieni kap tal-att ta’ akkuza huwa kien gie wkoll akkuzat ta’ hsara volontarja fi proprjeta` ta’ haddiehor, liema hsara kienet teccedi l-ghaxar liri izda mhux il-hamsin lira. Kemm fl-ewwel kif ukoll fit-tieni kap, l-appellant kien akkuzat ukoll li kien recidiv f’delitt u dan in vista tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-27 ta’ Novembru 1995 li permezz taghha huwa kien gie kkundannat ghall-piena ta’ tmintax-il xahar prigunerija sospizi ghal tlett snin skond id-disposizzjoni ta’ l-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali.

**3.** B’verdett moghti fil-5 ta’ Dicembru 2007, il-gurati sabu lill-appellant hati, b’seba’ voti favur u tnejn kontra, kemm skond l-ewwel kif ukoll skond it-tieni kap tal-att ta’ akkuza. B’verdett addizzjonali huma unanimament sabu lill-appellant hati wkoll li kien recidiv skond l-Artikolu 49 tal-Kodici Kriminali. Dik il-gurnata stess – 5 ta’ Dicembru 2007 – il-Qorti Kriminali, wara li semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet (l-Avukat Dott. Jose` Herrera ghall-hati, illum appellant, u l-Assistent Avukat Generali Dott. Anthony Barbara ghall-prosekuzzjoni) ikkundannat lill-appellant ghall-piena ta’ tlett (3) snin u disa’ (9) xhur prigunerija, bit-tnaqqis ta’ l-arrest preventiv li huwa ghamel il-habs in konnessjoni mar-reati li taghhom kien ghadu kif instab hati; dik il-Qorti kkundannatu wkoll ihallas is-somma ta’ mitejn u sitt liri u tmienja w hamsin centezmu (Lm206.58) spejjez peritali, li jekk ma jithallsux fi zmien hmistax, kellhom jigu konvertiti fi prigunerija skond il-ligi.

**4.** B’rikors prezentat fit-28 ta’ Dicembru 2007, l-appellant appella minn din is-sentenza. L-appell hu limitat ghall-piena. L-appellant bazikament jikkontendi li kellu jinghata

piena anqas milli fil-fatt inghata peress illi (i) kien ghadda hafna zmien mill-kommissjoni tar-reat, (ii) huwa kien ammetta mal-Pulizija li kien seraq u din l-ammissjoni kienet l-unika prova kontra tieghu, (iii) l-ammont misruq ma kienx jissupera l-Lm400, (iv) il-fedina penali tieghu ma kienitx turi xi karattru daqstant refrattarju, (v) huwa kien ghamel 22 xahar taht “arrest domiciljari” u (vi) l-ewwel Qorti ma kellhiex tikkarga d-doza tal-piena semplicement ghax l-appellant ma kienx ikkopera mill-ewwel mal-pulizija.

**5.** Ezaminati l-atti kollha, din il-Qorti hi tal-fehma li l-appell ma jimmeritax li jigi milqugh. Jibda biex jinghad li l-piena ta’ prigunerija erogata mill-ewwel Qorti kienet tirrientra fil-parametri tal-piena stabbilita mill-ligi ghar-reati li taghhom l-appellant instab hati. In fatti, il-piena ghal serq kwalifikat bil-mezz, valur (li jeccedi l-mitt lira izda mhux l-elf lira) u lok hija dik ta’ prigunerija minn minimu ta’ tmintax-il (18) xahar sa massimu ta’ erba (4) snin. Huwa minnu li r-reat taht it-tieni kap huwa assorbit, ghall-finijiet ta’ piena, fl-ewwel kap (Artikolu 17(h) tal-Kap. 9), fis-sens li “tinghata l-piena ghar-reat l-aktar gravi”, izda dan ma jfissirx li l-Qorti m’ghandhiex izzomm f’mohhha li hemm reat iehor li tieghu l-appellant instab hati ghall-finijiet tal-kalibrazzjoni tal-piena fil-parametri ta’ bejn il-minimu u l-massimu; bhalma ma ghandhiex twarrab minn mohha l-fatt li l-appellant huwa recidiv – anke jekk biss skond l-Artikolu 49 – u – fatt dan aktar determinanti fil-fehma ta’ din il-Qorti – <u>li r-reati saru a dannu ta’ persuna ferm anzjana</u>.

**6.** Ghalkemm huwa minnu li mid-data tar-reat – Gunju ta’ l-2001 – sa ma l-appellant tressaq l-ewwel darba quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja – fi Frar 2006 – ghaddew ftit aktar minn hames snin, dan id-dewmien ma kienx dovut ghal xi nuqqas jew traskuragni tal-prosekuzzjoni izda ghas-semplici fatt li kien ghad ma hemmx provi sufficjenti li jorbtu lill-appellant mal-kaz tas-serq. In fatti mid-deposizzjonijiet ta’ diversi ufficjali tal-Pulizija jirrizulta li wara s-serqa *de quo* l-appellant kien ingabar u gie interrogat, izda kien innega kull partecipazzjoni f’dan ir-reat. Kien biss meta l-Pulizija kienet ghaddejja bl-investigazzjonijiet dwar reat iehor –

din id-darba serqa minghand, u l-omicidju ta', l-istess anzjana li sehhew xhur wara s-serqa *de quo* – li l-appellant rega' gie interrogat (fi Frar ta' l-2006) u din id-darba ammetta li kien hu, flimkien ma' haddiehor, li kien dahal fid-dar ta' l-anzjana f'Gunju 2001. Minkejja din l-ammissjoni, huwa ghazel mhux biss li jigi gudikat mill-Qorti Kriminali flok ma jigi processat mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali[1], izda anke quddiem il-Qorti Kriminali kkontesta l-akkuzi migjuba kontra tieghu. Huwa minnu li minhabba s-semplici fatt li imputat jew akkuzat jikkontesta l-imputazzjonijiet jew akkuzi migjuba kontra tieghu, huwa m'ghandux jigi kkundannat ghall-piena aktar gholja minn dik li normalment tkun oggettivament applikabbli ghall-kaz, izda mill-banda l-ohra l-appellant ma jistax jippretendi xi tnaqqis (hekk imsejha "discount") fil-piena bhalma tinghata lil min ikun ikkopera bis-shih mal-pulizija u, fil-proceduri gudizzjarji, ikun ammetta l-htija tieghu ma' l-ewwel opportunita` li jkollu. Ghalhekk l-ewwel, it-tieni u sitt aggravji ta' l-appellant qed jigu respinti bhala kompletament infondati.

**7.** Il-fatt li l-ammont misruq ma kienx jeccedi l-Lm400 hija wkoll cirkostanza li ftit li xejn tista' tghin lill-appellant f'dana l-appell. Il-ligi tistabilixxi l-"bench marks" tal-aggravju ossia kwalifika tal-valur fis-somom ta' mitt lira u elf lira. Ghal certi nies, specjalment nies anzjani, is-somma ta' Lm390 jew Lm400 lira hija somma konsiderevoli. Apparti min hekk hu risaput li l-aktar fatt li jurta lil min jigi misruq minn daru hafna drabi ma hux tant l-ammont li jkun insteraq (li fil-fatt jista' jkun ammont zghir jew xi oggett insinjifikanti) daqskemm il-fatt li l-privatezza ta' daru tkun giet vjolata – persuna, hafna drabi injota, tkun, minghajr il-permess jew kunsens tal-vittma, dahlet u qallbet jew fittxet fid-dar taghha!

**8.** Kwantu ghall-fedina penali[2], huwa minnu li din mhix xi wahda twila, izda anqas jista' jinghad li hija wahda nadifa. L-appellant kien precedentement diga` nghata zewg

---

[1] Ara l-verbal ta' l-udjenza tal-4 ta' Mejju 2006 a fol. 114 ta' l-attijiet ta' l-istruttorja.
[2] Ara fol. 77 ta' l-attijiet ta' l-istruttorja.

"conditional discharge" kif ukoll kien gie kkundannat tmintax-il xahar prigunerija sospizi ghal tlett snin. Ma jistax issa jippretendi li l-Qrati, ghar-reati in dizamina, ma jkunux ftit aktar iebsin mieghu. Tajjeb li wiehed jippreciza hawnhekk li ghalkemm "conditional discharge" ma titqiesx skond l-Artikolu 12 tal-allura Kap. 152[3] bhala "dikjarazzjoni ta' htija" u ghalhekk ma tistax tintuza ghall-finijiet ta' dikjarazzjoni formali ta' recidiva (inkluza recidiva skond l-Art. 49 tal-Kap. 9), tali "conditional discharge" – bhalma wkoll "probation order", "community service order" jew "unconditional discharge" – tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-gudikant biex jiddeciedi kif ser jiddisponi mill-kaz li jkollu quddiemu.

**9.** Finalment, huwa minnu li meta nghata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest mill-Qorti Inferjuri fis-7 ta' Marzu 2006[4], dik il-Qorti imponietlu l-kundizzjoni li hu ma johrogx minn daru hlief biex jattendi l-udjenzi tal-Qorti (u meta jaghmel hekk kellu jkun taht skorta tal-Pulizija). Pero` kif gustament osservat il-Qorti Kriminali fis-sentenza appellata, l-Artikolu 22 tal-Kap. 9 jispecifika li l-arrest preventiv li ghandu jitnaqqas mill-piena ta' prigunerija jew ta' detenzjoni li ghaliha persuna tigi kkundannata huwa dak il-periodu li dik il-persuna tkun ghamlet mizmuma <u>fil-habs</u>, u mhux il-periodu li hija tkun inzammet, bhala kundizzjoni <u>ghall-helsien mill-arrest mill-habs</u>, milli tohrog minn darha. Ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti ta' l-4 ta' Ottubru 2007 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Walter John Cassar**. Wara kollox ghandu wkoll jinghad li jekk l-appellant qed jilmenta li dam b'din il-kundizzjoni ta' "arrest domiciljarju", dan kien dovut in parti wkoll ghall-fatt li huwa fl-4 ta' Mejju 2006 ghazel, kif diga` nghad, li flok ma jigi ggudikat mill-Qorti Inferjuri jigi ggudikat mill-Qorti Kriminali. Fi kwalunkwe kaz, din il-Qorti, in vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, u specjalment in vista tal-fatt li l-persuna derubata kienet mara anzjana, ma tarax li ghandha b'xi mod tvarja l-piena erogata mill-ewwel Qorti semplicement minhabba l-fatt ta'

[3] Illum id-disposizzjoni analoga tinsab fl-Artikolu 25 tal-Kap. 446.
[4] Ara fol. 91 ta' l-attijiet ta' l-istruttorja.

din il-kundizzjoni li huwa ma johrogx minn daru hlief biex jattendi l-Qorti.

**10.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------